# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2007/0143(COD)**

2.7.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u s-segwitu tan-negozju ta' l-Assigurazzjoni u r-Rijassigurazzjoni (miktub mill-ġdid)
(COM(2008)0119 – C6-0231/2007 – 2007/0143(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Solvenza II hija direttiva li taġġorna 14-il direttiva eżistenti dwar l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni. Il-format tagħha huwa riformulat sabiex il-partijiet ġodda biss jistgħu jkunu emendati.

L-għan ewlieni tad-direttiva huwa biex jagħmel il-kapital, jew ir-rekwiżiti ta' solvenza, jiddependu fuq ir-riskju, analizzat fil-kuntest tan-negozju sħiħ ta' l-impriża. Dan huwa kwalitattiv kif ukoll kwantitattiv. B'mod partikolari għandu jiġi innutat illi l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni huma esposti għar-riskju mhux biss tal-passivi imma anki ta' l-attivi li jinżammu biex ikopru dawk il-passivi. Fil-fatt fallimenti ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni ħafna drabi kienu minħabba riżultat ta' problemi attivi aktar milli problemi passivi.

L-analiżi tar-riskju ssir fuq bażi ta' mudelli. Mudelli standard jistgħu jintużaw imma impriżi kbar ikunu jistgħu, fil-fatt mistennijin, jiżviluppaw il-mudelli tagħhom interni li jiġu approvati mis-superviżur. Gruppi jistgħu jitolbu biex jiġu sorveljati bħala grupp sħiħ sabiex ikollhom benefiċju minn diversifikazzjoni ikbar li ġġib fil-kalkulazzjoni tar-riskju, b'riżultat ta' nuqqas fir-rekwiżiti ta' kapital meta mqabbel mas-somma ta' l-impriżi waħedhom.

Il-kapital huwa maqsum fir-rekwiżit minimu kapitali (MCR) li huwa dak il-livell li kull impriża jrid jkollha sabiex tkompli bl-awtorizzazzjoni sħiħa. Ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (SCR), huwa livell ikbar ta' kapital li għandu jinżamm normalment u, jekk jinkiser, jintuża bħala sinjal bikri għal intervent superviżorju. L-attivi addizzjonali ta' l-SCR, li huma 'l fuq mill-MCR, jistgħu jinżammu fuq livell ta' Grupp (kumpanija prinċipali jew *holding*). Jekk xi sussidjarja taqa' taħt il-livell ta' l-MCR (u normalment qabel dan jintlaħaq) is-superviżuri jitolbu trasferiment tal-kapital lis-sussidjarja.

Dak li huwa fundamentali għall-operazzjoni tal-proċessi ta' superviżjoni tal-grupp hija l-koperazzjoni bejn is-superviżuri nazzjonali fl-istati ospitanti fejn jinsabu s-sussidjarji u fl-istat fejn tinsab il-kumpanija prinċipali. Is-superviżur fil-pajjiż tal-kumpanija prinċipali għandu parti akbar bħala 'superviżur tal-grupp'. Il-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej (CEIOPS) għandu wkoll parti fil-ftehim ta' kwistjonijiet bejn is-superviżuri u l-għan li tintlaħaq konverġenza regolatorja.

F'dan il-qafas hemm diversi oqsma li għandhom jiġbdu l-attenżjoni partikolari tal-kumitat għall-affarijiet legali:

**Superviżjoni tal-Grupp**

Huwa meħtieġ li jkun iktar ċar illi s-superviżuri kollha huma involuti fis-superviżjoni ta' grupp, li kollha għandu jkollhom aċċess għad-dokumentazzjoni bħala ħaġa ta' rutina u għandhom ikunu dinamikament involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Trasferiment ta' Fondi għall-Appoġġ tal-Grupp**

Li tassigura li l-fondi huma mobbli bejn l-impriżi huwa ta' importanza kbira. Fil-każ li l-fondi

żejda qegħdin mal-kumpanija prinċipali jew *holding* allura jkun ħafna aktar faċli sabiex ikun hemm strutturi legali li jiffaċilitaw it-trasferiment, u dan forsi jista' jkun l-aħjar għażla għall-ewwel. Madankollu huwa magħruf illi gruppi jċaqalqu l-fondi bejn is-sussidjarji u għaldaqstant mekkaniżmu infurzat legalment biex isir dan huwa wkoll previst. Jidher li dan ikun jeħtieġ bażi kuntrattwali bejn kull par ta' sussidjarji rispettivi.

**Riżorsi tas-Superviżuri Nazzjonali u r-Responsabilità**

Is-sistema superviżorja ġdida għandha bżonn ta' fehim fil-fond tar-riskju ta' l-attiv kif ukoll ta' dak passiv. Id-deċiżjonijiet huma kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi. Huwa essenzjali illi s-superviżuri jkollhom ir-riżorsi biex ikunu jistgħu jagħmlu dan bir-reqqa, fuq il-firxa ta' l-impriżi kollha, u mhux fuq dawk li huwa maħsub li huma kruċjali għall-istabilità tas-suq.

Jeħtieġ ukoll li jiġi ċċarat illi meta s-superviżuri nazzjonali jaġixxu bħala superviżuri tal-grupp dawn ikollhom mandat li jmur lil hinn minn dak li huwa sempliċement nazzjonali u għandhom iħarsu l-interessi tat-titolari tal-poloz kollha. Miżuri xierqa meħuda bħala superviżuri tal-grupp m'għandhomx iwasslu għal proċeduri legali li l-istess miżuri jikkompromettu r-responsabiltajiet nazzjonali.

**Entità Legali għal CEIOPS**

Bħalissa CEIOPS m'għandhiex entità legali imma huwa kumitat ta' konsultazzjoni għall-Kummissjoni. Minħabba n-natura speċalizzata ta' wħud mill-pariri, din hija minnha nnifisha deċiżjoni, tkun kif tkun imfissra. Kieku CEIOPS kellu jkollha entità legali kienet tkun aktar responsabbli għal dak il-parir. Dan jista' jsir permezz ta' Regolament li jidħol fis-seħħ mhux aktar tard mill-implimentazzjoni ta' din id-direttiva kemm-il darba dan ma jkunx sar b'mezzi oħra, per eżempju bħala parti mill-proċess ta' Lamfalussy. Il-Każ tal-ECJ Case C-217/04 tat-2 ta' Mejju 2006 li juri li l-Artiklu 95 jista' jkun il-bażi biex tinħoloq din l-entità jista', f'sens wiesa', japplika ukoll għall-Artiklu 47 li fuqu hija mibnija din id-direttiva.

**Biex jintlaħaq approċċ aktar konsistenti ta' l-UE għar-responsabbiltà superviżorja**

Ġeneralment fl-UE wieħed iqis ir-responsbilità bħala 'regolatur ħabib' u kull klejm għal kumpens ġeneralment tista' ssir biss f'każ ta' negliġenza kbira jew qerq, għalkemm dan it-test ivarja f'pajjiżi differenti. L-ECJ qal illi dan l-approċċ ma jmurx kontra l-liġi ta' l-UE. Fil-fatt l-ECJ fil-każ partikolari ta' Peter Paul iddeċidiet illi Stat Membru jista' (bħal ma għamlet il-Ġermanja) tilleġisla illi s-superviżuri jaqdu dmirhom biss fl-interess pubbliku u għaldaqstant ma jħallix individwi jagħmlu klejms għal kumpens għal superviżjoni diffettuża.

Għalhekk il-problema hija waħda politika jekk wieħed jixtieq jagħti xi dritt ta' riparazzjoni kontra l- awtoritajiet superviżorji. Dan żgur huwa dak li kien qiegħed iqis biex jagħmel il-Parlament fil-vot fuq l-istħarriġ tal-Ħajja Ekwitattiva u ċertament jidher raġonevoli, fil-kuntest tal-funzjonijiet tas-superviżuri tal-grupp fuq il-fruntieri, sabiex ikun hemm armonizzazzjoni (u tabilħaqq dan aktarx jipprovdi l-bażi legali).

Madankollu, jidher ċar ukoll illi s-superviżuri m'għandhomx jiġu penalizzati minħabba

deċiżjoni ħażina jew imwaqqfa mix-xogħol tagħhom, għalhekk huwa raġonevoli illi r-responsabbiltà tkun limitata għal dawk il-każijiet rari ta' negliġenza kbira jew qerq. Mekkaniżmu għar-riparazzjoni jista' jiġi inkluż fi skemi ta' kumpens ta' natura aktar ġenerali jew ta' garanzija.

**It-trattament tal-Qorti ta' l-SCR u l-MCR**

Hemm diversi proposti impressjonanti fil-kalkolu ta' l-MCR. Uħud jippreferu li l-metodu tal-kalkolu jkun indipendenti mill-komputazzjoni ta' l-SCR. Minħabba li ż-żewġ riskji ta' l-attivi u l-passivi huma t-tnejn importanti u peress li l-metodu tal-kalkolu ta' l-SCR ġie maħluq biex ikun l-aħjar kejl tiegħu, jidher li jkun aħjar jekk jintuża l-aħjar metodu tal-kalkolu. Jekk l-MCR huwa, jew jinkludi, perċentaġġ fiss ta' l-SCR illi jassigura wkoll li jibqgħu bl-istess proporzjon wieħed ma' l-ieħor biex jintlaħaq l-iskop tagħhom li jkun hemm interventi tas-superviżuri assoċjati wara avviż awtomatiku.

F'xi każijiet, bħal proċeduri ta' stralċ, jista' jkun meħtieġ għas-superviżuri li jmorru quddiem il-qorti inkella jistgħu jitfaċċaw sfidi legali oħra relatati mal-kapital. Fuq naħa waħda huwa meħtieġ illi l-kalkoli kollha tal-kapital u l-mudelli jkunu kemm jista' jkun trasparanti u li kemm jista' jkun jiftiehmu, imma jkunu dejjem l-esperti li jivverifikaw id-dettal fil-qrati. Għalhekk il-preżentazzjoni lill-qorti m'għandhiex għalfejn tkun ir-raġuni biex taċċetta komputazzjoni iżjed sempliċi u anqas relevanti. Ikun xieraq għall-Istati Membri biex jikkunsidraw miżuri sabiex il-qrati jaċċettaw il-kalkoli ta' l-SCR u l-MCR li jkunu għaddew mill-proċeduri ta' approvazzjoni tas-superviżuri, ladarba dan ikun involva lis-superviżuri ta' l-Istati Membri tal-pajjiż tagħhom u dak ospitanti fil-każ ta' superviżjoni tal-grupp.

**Skemi ta' Garanzija**

Minħabba ż-żieda fin-natura transkonfinali tan-negozju ta' l-assigurazzjoni, u minħabba s-superviżjoni bejn il-fruntieri, ikun għaqli li jkun hemm skemi ta' garanzija bejn il-pajjiżi li għall-inqas huma ekwivalenti u li jikkunsidraw l-istrutturi tas-superviżjoni. Hemm bżonn ta' iktar xogħol f'dan il-qasam imma mhux biex jagħmel parti raġonevoli mid-direttiva.

**It-teknika tar-riformulati**

Skond il-Ftehim Inter-Istituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-użu iżjed strutturat tat-teknika riformulanti għall-atti legali, u partikolarment skond il-punt 9 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiva, magħmul mis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, iltaqgħu fit-13 ta' Marzu 2008 biex jeżaminaw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni.

Minn din l-eżaminazzjoni rriżulta li l-Grupp ta' Ħidma Konsultattiva stabilixxa bi ftehim komuni li l-proposta ma tikkompromettix xi emendi sostantivi minbarra dawk li ġew identifikati għal dan l-iskop. Il-Grupp ta' Ħidma ikkonkluda ukoll, fejn tidħol il-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux ta' l-att ta' qabel ma' dawk l-emendi sostantivi, li l-proposta fiha kodifikazzjoni ċara u diretta fuq dik eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħha.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora fir-rapport tiegħu l-emendi li jmiss:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Ċitazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2) ***u*** 55 tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 47(2)***,*** 55 ***u 95*** tiegħu, |

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-bidla se tiżgura li l-Kummissjoni tkun tista' tipproponi kemm direttiva ta' implimentar tat-tieni livell kemm regolament ta' implimentar tat-tieni livell fuq il-bażi ta' din id-direttiva ta' qafas.*

**Emenda 2**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Premessa A (ġdida)**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***A. billi, skond il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludix xi emenda sostantiva barra dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, rigward il-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula ta' l-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi attwali mingħajr xi bidla fis-sustanza tagħhom,*** |

**Emenda 3**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ***emendata u kif allineata mar-***rakkomandazzjonijiet tal-***Grupp konsultattiv tas-servizz ġuridiku tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;*** | 1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ***adattata għar-***rakkomandazzjonijiet tal-***Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni u kif emendata hawn***; |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Ir-reġim ġdid ta' solvenza se jirriżulta f'ħarsien aħjar ta' dawk kollha kkonċernati; dan se jitlob lill-Istati Membri biex jipprovdu l-awtoritajiet responsabbli għal superviżjoni finanzjarja b'riżorsi adegwati.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-ibbażar tas-superviżjoni fuq prinċipji ta' mmaniġġjar ta' riskju kwalitattivi u kwantitattivi se jkun possibbli li jeħtieġ żieda fir-riżorsi superviżorji.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti superviżorji stabbiliti skond il-Pilastri 2 u 3, bħall-approvazzjoni ta' mudelli interni, l-immonitorjar tagħhom u reviżjoni regolari, u l-koperazzjoni aktar mill-qrib konsegwenti u involviment ma' kumpaniji u kontrolluri oħrajn, se jkun possibbli li kontrolluri nazzjonali se jeħtieġu aktar riżorsi biex jilħqu r-responsabilitajiet imsaħħa tagħhom b'mod xieraq.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Dan huwa meħtieġ biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għodda superviżorja iżda wkoll mal-prattiċi superviżorji. Il-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/6/KE għandu jkollu rwol importanti f'dan ir-rigward u għandu jirrapporta regolarment fuq il-progress li jsir. | (23) Dan huwa meħtieġ biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għodda superviżorja iżda wkoll mal-prattiċi superviżorji. Il-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/6/KE għandu jkollu rwol importanti f'dan ir-rigward u għandu jirrapporta regolarment fuq il-progress li jsir. ***Dan il-Kumitat għandu jingħata bażi legali u personalità skond regolament ġdid biex jidħol fis-seħħ fl-istess waqt bħal din id-Direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-CEIOPS qed tingħata poteri ta' teħid tad-deċiżjoni, pereżempju biex issolvi tilwim f'appoġġ ta' grupp. Fil-każ li hemm sfida legali għal xi deċiżjoni bħal din huwa mixtieq, u aktar responsabbli, jekk iċ-CEIOPS tkun parti minn kull proċedura milli tkun rappreżentata biss fil-personalità tal-Kummissjoni. L-ECJ ħareġ sentenza li fil-Każ C-217/04 tat-2 ta' Mejju 2003 li l-Artikolu 95 jista' jkun bażi għat-twaqqif ta' korp. B'estensjoni konklużjoni simili tista' titwettaq għall-Artikolu 47.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Is-sistema superviżorja għandha tirrikjedi rekwiżit li jkun sensittiv għar-riskju, imsejjes fuq kalkolu prospettiv, biex l-intervent ta' l-awtoritajiet superviżorji jkun preċiż u f'waqtu (ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza), u livell minimu ta' sigurtà li taħtu m'għandhomx jaqgħu r-riżorsi | **(35)** Is-sistema superviżorja għandha tirrikjedi rekwiżit li jkun sensittiv għar-riskju, imsejjes fuq kalkolu prospettiv, biex l-intervent ta' l-awtoritajiet superviżorji jkun preċiż u f'waqtu (ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza), u livell minimu ta' sigurtà li taħtu m'għandhomx jaqgħu r-riżorsi |

| | |
|---|---|
| finanzjarji. Iż-żewġ rekwiżiti kapitali għandhom ikunu armonizzati fil-Komunità kollha biex ikun hemm livell uniformi ta' protezzjoni tat-titolari kollha tal-poloz. | finanzjarji. ***Ir-Rekwiżit ta' Kapital Minimu għandu jkun ikkalkulat b'mod ċar u sempliċi, u b'mod li jiżgura li l-kalkolu jista' jkun verifikat. Huwa għandu jikkorrispondi ma' l-ammont ta' fondi proprji ta' bażi eliġibbli li taħtu t-titolari ta' polza u l-benefiċjarji jkunu esposti għal livell inaċċettabbli ta' riskju jekk l-impriżi ta' l-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni jkunu awtorizzati li jkomplu l-operazzjonijiet tagħhom. Rigward ir-Rekwiżit ta' Kapital Minimu u r-Rekwiżit ta' Solvenza ta' Kapital, il-livell ta' fiduċja għandu jikkorrispondi ma' l-ammont ta' 80% sa 90% fuq perjodu ta' sena.*** Iż-żewġ rekwiżiti kapitali għandhom ikunu armonizzati fil-Komunità kollha biex ikun hemm livell uniformi ta' protezzjoni tat-titolari kollha tal-poloz. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) Dan huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-fondi proprji huma distribwiti kif suppost fi ħdan il-grupp u huma disponibbli biex iħarsu, fejn meħtieġ, it-titolari tal-poloz u l-benefiċjarji. Għal dan il-għan l-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni fil-grupp, għandu jkollhom fondi proprji suffiċjenti biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, sakemm l-għan tal-ħarsien tat-titolari tal-poloz u tal-benefiċjarji ma jistax jintlaħaq mod ieħor. L-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni fi grupp għandhom għalhekk ikunu awtorizzati li jkopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom bis-sostenn tal-grupp, kif determinat mill-impriża prinċipali tagħhom, f'ċirkostanzi definiti. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar ir-regoli ta' l-Istati Membri u l-prattiċi ta' l-awtoritajiet superviżorji f'dan il-qasam, | (70) Dan huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-fondi proprji huma distribwiti kif suppost fi ħdan il-grupp u huma disponibbli biex iħarsu, fejn meħtieġ, it-titolari tal-poloz u l-benefiċjarji. Għal dan il-għan l-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni fil-grupp, għandu jkollhom fondi proprji suffiċjenti biex ikopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, sakemm l-għan tal-ħarsien tat-titolari tal-poloz u tal-benefiċjarji ma jistax jintlaħaq mod ieħor. L-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni fi grupp għandhom għalhekk ikunu awtorizzati li jkopru r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħhom bis-sostenn tal-grupp, kif determinat mill-impriża prinċipali tagħhom, f'ċirkostanzi definiti. ***Għall-ħarsien ugwali ta' dawk kollha li għandhom sehem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal moviment*** |

| | |
|---|---|
| biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-ħtieġa għal u tat-tħejjija għal reviżjoni potenzjali tal-grupp għall-ġejjieni. | ***ħieles ta' assi u responsabilitajiet biex jippermettu kapital ta' solvenza u fondi proprji eliġibbli biex ikunu mfassla mill-ġdid fi ħdan grupp għall-iskopijiet ta' appoġġ ta' grupp u mingħajr riskju ta' azzjonijiet ta' sospensjoni. Għal dawk l-Istati Membri li moviment bħal dan għadu mhux garantit, l-appoġġ ta' grupp għandu fil-perjodu interim b'mod addizzjonali jinkludi dawk l-istrumenti jew mekkaniżmi oħrajn meħtieġa biex jiżguraw li l-fondi huma trasferiti fil-waqt. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li klejms ġejjin minn impenji ta' appoġġ ta' grupp huma trattati bħala ekwivalenti għal klejms ta' assigurazzjoni.*** Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar ir-regoli ta' l-Istati Membri u l-prattiċi ta' l-awtoritajiet superviżorji f'dan il-qasam, biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-ħtieġa għal u tat-tħejjija għal reviżjoni potenzjali tal-grupp għall-ġejjieni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżjoni ta' grupp u r-reġimi ta' appoġġ għandhom joperaw fuq bażi ekonomika ġenerali li tippermetti trasferiment bejn il-grupp. Appoġġ ta' grupp biex jerġa' jipprovdi MCR jista' jkun trasferiment ta' fondi, pereżempju tnaqqis ta' responsabilitajie, dak li huwa meħtieġ huwa l-abilità li tkun imfassla mill-ġdid solvenza ta' kapital biex jintlaħqu ċ-ċirkustanzi. F'xi Stati Membri jista' jkun hemm fil-preżent xi ostakolu legali jew inċertezza għal trasferimenti, li għalihom salvagwardji addizzjonali jistgħu jkunu implimentati fl-interim. Dan m'għandux jibqa' il-metodu fuq perjodu ta' żmien fit-tul ta' l-operazzjoni. Fil-każ ta' konklużjoni, jew ta' proċeduri amministrattivi oħrajn, il-klassifikazzjoni ta' appoġġ ta' grupp kif ekwivalenti għal klejms tal-parti li għandha sehem għandha tkun stabbilita.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) ***L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha għall-eżerċizzju ta'*** superviżjoni supplimentari. Għandha tiġi | (75) ***Kontrolluri mill-Istati Membri kollha li fihom kumpanija fil-grupp tkun stabbilita għandha tkun involuta f'superviżjoni fi*** grupp. ***Huma għandu*** |

| | |
|---|---|
| stabbilita kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni kif ukoll bejn dawk l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' l-impriżi, attivi f'setturi oħta finanzjarji. | ***jkollhom aċċess kollha għad-dokumentazzjoni bħala kwistjoni ta' rutina u għandhom ikunu involuti b'mod dinamiku fit-teħid tad-deċiżjoni.*** Għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni kif ukoll bejn dawk l-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni ta' l-impriżi, attivi f'setturi oħta finanzjarji. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kontrolluri għandhom essenzjalment ikunu Kulleġġ.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 95 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(95a) Minħabba ż-żieda fin-natura tan-negozju ta' l-assigurazzjoni bejn il-pajjiżi, u minħabba s-superviżjoni transkonfinali, ikun għaqli li jkun hemm skemi ta' garanzija bejn il-pajjiżi li tikkunsidra l-istrutturi tas-superviżjoni. Hemm bżonn ta' iktar xogħol f'dan il-qasam imma li jmur lil hemm mill-iskop ta' din id-direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija kwistjoni ta' kjarifika. Huwa utli f'dan l-istadju li jkun hemm ħidma miftuħa dwar skemi ta' garanzija ta' assigurazzjoni fi ħdan l-Ewropa. Dawn l-iskemi huma kumplimentari għad-direttiva II ta' solvenza, li diġà se tiżgura ħarsien għoli u armonizzat għal partijiet li għandhom sehem.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***Bla ħsara*** għall-Artikolu 5 sa 10, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal impriżi ta' l-assigurazzjoni li d-dħul primjum annwali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 5 miljuni. | (1) ***Għall-ewwel tliet snin*** għall-Artikolu 5 sa 10, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal impriżi ta' l-assigurazzjoni li d-dħul primjum annwali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 5 miljuni. |
| ***(2) Jekk l-ammont stipulat fil-paragrafu 1 jinqabeż għal tliet snin konsekuttivi din id-Direttiva għandha tapplika b'effett mir-raba' sena.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa sensibbli li kumpaniji żgħar ikunu esklużi mill-iskop tad-direttiva għall-mument preżenti. Konċessjonijiet fuq il-bażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità għad iridu jkunu stabbiliti u implimentati. Għalhekk, il-limitu għandu jinżamm għall-ewwel tliet snin. Wara regoli ta' proporzjonalità se jkunu stabbiliti u l-kumpaniji se jkollhom żmien biżżejjed biex jadattaw għar-regoli ġodda. Fuq perjodu ta' żmien fit-tul, kumpaniji ta' assigurazzjoni iżgħar iridu wkoll standards ta' kwalità Solvenza II.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jingħataw il-mezzi meħtieġa biex iwettqu l-għan ewlieni ta' superviżjoni, jiġifieri l-ħarsien tat-titolari ta' poloz u l-benefiċjarji. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jingħataw il-mezzi meħtieġa***, u jkollhom l-esperienza u l-kapaċità relevanti,*** biex iwettqu l-għan ewlieni ta' superviżjoni, jiġifieri l-ħarsien tat-titolari ta' poloz u l-benefiċjarji. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti superviżorji stabbiliti skond il-Pilastri 2 u 3, bħall-approvazzjoni ta' mudelli interni, l-immonitorjar tagħhom u reviżjoni regolari, u l-koperazzjoni aktar mill-qrib konsegwenti u involviment ma' kumpaniji u kontrolluri oħrajn, se jkun possibbli li kontrolluri nazzjonali se jeħtieġu aktar riżorsi biex jilħqu r-responsabilitajiet imsaħħa tagħhom b'mod xieraq.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu applikati b'mod xieraq li jkun proporzjonat għan-nautra, il-kumplessità u l-iskala tar-riskji inerenti fin-negozji ta' impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu applikati b'mod xieraq li jkun proporzjonat għan-natura, il-kumplessità u l-iskala tar-riskji inerenti fin-negozji ta' impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, ***anke jekk li l-impriża konċernata mhix vitali għall-istabilità finanzjarja ġenerali tas-suq***. |

*Ġustifikazzjoni*

*In-negozji kollha għandhom ikunu regolati - indipendentement mid-daqs, peress li l-impatt ta' falliment mhux dejjem lineari għad-daqs, iżda jiddependi mit-tip ta' assigurazzjoni li kumpanija tistabbilixxi u l-ġeografija ta' l-attivitajiet tagħhom.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 47 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-funzjoni attwarja għandha titwettaq minn persuni b'għarfien biżżejjed tal-matematika attwarja u finanzjarja u li huma kapaċi, fejn ikun xieraq, juru l-esperjenza u l-ħila esperta rilevanti tagħhom skond l-istandards professjonali u standards oħra applikabbli. | 2. Il-funzjoni attwarja għandha titwettaq minn persuni b'għarfien biżżejjed tal-matematika attwarja u finanzjarja***, li għandhom il-kapaċità bi proporzjon mal-kumplessità u ma' l-istruttura tar-riskju ta' l-impriża ikkonċernata,*** u li huma kapaċi, fejn ikun xieraq, juru l-esperjenza u l-ħila esperta rilevanti tagħhom skond l-istandards professjonali u standards oħra applikabbli. |

*Ġustifikazzjoni*

*Li tassikura r-riżorsi u l-għarfien xierqa.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt (a)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta, bl-iżvelar tat-tali informazzjoni, ***il-kompetituri ta'*** l-impriża ***jiksbu vantaġġ sinifikanti*** u skorrett; | (a) jekk, bl-iżvelar tat-tali informazzjoni, l-impriża ***għandha ssofri ħsara kummerċjali*** mhux mixtieqa; |

*Ġustifikazzjoni*

*It-test għandu jkun ta' 'ħsara' għall-impriża. Dan jista' jsir permezz ta' kompetizzjoni li mhix ġusta jew b'xi mod ieħor.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoniet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/6/KE. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet superviżorji jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoniet u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol Ewropej skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/6/KE***, u li l-mandati nazzjonali mogħtija lis-superviżuri ma jwaqqfuhomx milli jagħmlu dmirhom bħala membri ta' dak il-Kumitat jew skond din id-Direttiva***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-parir ta' CEIOPS għandu jkun ġust u onest sabiex ikun politikament korrett. Għaldaqstant is-superviżuri nazzjonali jridu jkunu f'pożizzjoni biex jikkomunikaw u jaħdmu bis-sħiħ flimkien.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 76 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kalkolu ta' l-aħjar stima għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni kurrenti kredibbli u assunzjonijiet realistiċi u għandu jitwettaq bl-użu ta' metodi attwarji u tekniki statistiċi xierqa. | Il-kalkolu ta' l-aħjar stima għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni kurrenti kredibbli u suppożizzjonijiet realistiċi u għandu jitwettaq bl-użu ta’ metodi attwarji u tekniki statistiċi xierqa***, applikabbli u relevanti***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Xieraq mhux biżżejjed ladarba “applikabbli u relevanti” tidher f’Artikolu 83.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt (c)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-parametri tal-korrelazzjoni; | (c) il-parametri tal-korrelazzjoni ***u l-proċeduri biex taġġorna dawk il-parametri***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Hekk kif intwera fi kriżijiet finanzjarji reċenti l-parametri ta’ korrelazzjoni jista’ jkollhom jiġu rranġati malajr.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 119 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-metodi użati għall-kalkolu tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-previżjoni għandhom ikunu bbażati fuq tekniki attwarji u statistiċi xierqa u għandhom ikunu koerenti mal-metodi użati għall- | 2. Il-metodi użati għall-kalkolu tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-previżjoni għandhom ikunu bbażati fuq tekniki attwarji u statistiċi xierqa***, applikabbli u relevanti*** u għandhom ikunu koerenti mal-metodi użati għall-kalkolu tad- |

| | |
|---|---|
| kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi. | dispożizzjonijiet tekniċi. |

*Ġustifikazzjoni*

*Xieraq mhux biżżejjed ladarba "applikabbli u relevanti" tidher f'Artikolu 83.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 130 – paragrafu 4 – subparagrafu 5 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-kontrolluri jistgħu jqisu l-effetti fuq l-immaniġġjar ta' l-assi ta' kodiċi ta' kondotta volontarji u trasparenza segwiti mill-istituzzjonijiet relevanti li huma responsabbli minn strumenti mhux regolati jew investiment alternattiv.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija kwistjoni ta' kjarifika. Il-kontrolluri mhux se jqisu jekk l-istituzzjonijiet jużawx kodiċi iżda se jqisu l-kodiċi użati, jekk hu l-każ, u l-effett tagħhom fuq l-immaniġġjar ta' l-assi mill-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni.*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 142 – paragrafu 1 – parti tad-daħla**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtorità superviżorja ta' l-Istat Membru tal-pajjiż tagħha għandha tirtira awtorizzazzjoni mogħtija lil impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni fil-każijiet li ġejjin: | 1. L-awtorità superviżorja ta' l-Istat Membru tagħha***, fil-waqt li tibqa għaddejja bis-superviżjoni meħtieġa,*** għandha tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni fil-każijiet li ġejjin: |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-għarfien tal-bżonn għall-intervent superviżorju b'saħħtu meta l-MCR jinkiser (għalhekk ir-rifolmular minn "jista'" għal "għandu"), huwa importanti li tikklarifika li l-irtirar sħiħ ta' l-awtorizzazzjoni huwa relatat ma' impriżi ġodda stabbiliti, u li l-awtoritajiet superviżorji*

*għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji fuq impriżi oħra biex iħarsu l-interessi tat-titolari tal-poloz, u l-obbligazzjonijiet taħt kuntratti ta' riassigurazzjoni, fil-proċeduri ta' stralċ eċċ.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 142 – paragrafu 1 – punt (c)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-impriża ma tikkonformax mar-Rekwiżit Kapitali Minimu u l-awtorità superviżorja tikkunsidra li l-iskema finanzjarja sottomessa hija evidentement inadegwata jew, l-impriża kkonċernata tonqos milli tikkonforma ma' l-iskema approvata fi żmien tliet xhur mill-osservazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu. | (c) l-impriża ma tikkonformax mar-Rekwiżit Kapitali Minimu u l-awtorità superviżorja tikkunsidra li l-iskema finanzjarja sottomessa hija evidentement inadegwata jew, l-impriża kkonċernata tonqos milli tikkonforma ma' l-iskema approvata fi żmien tliet xhur mill-osservazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mar-Rekwiżit Kapitali Minimu***; l-irtirar f'dawn iċ-ċirkustanzi ta' l-awtorizzazzjoni ma tfissirx waqfien mis-superviżjoni minħabba tħaris ta' l-interessi tat-titolari tal-poloz u tħaris ta' xi stralċ, teħid jew proċeduri simili***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-għarfien tal-bżonn għall-intervent superviżorju b'saħħtu meta l-MCR jinkiser (għalhekk ir-rifolmular minn "jista'" għal "għandu"), huwa importanti li tikklarifika li l-irtirar sħiħ ta' l-awtorizzazzjoni huwa relatat ma' impriżi ġodda stabbiliti, u li l-awtoritajiet superviżorji għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji fuq impriżi oħra biex iħarsu l-interessi tat-titolari tal-poloz, u l-obbligazzjonijiet taħt kuntratti ta' riassigurazzjoni, fil-proċeduri ta' stralċ eċċ.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 234 – paragrafu 1 – punt c a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) is-sors ewlieni għal appoġġ tal-grupp huwa l-fondi ta' l-impriża li huma trasferiti mill-impriża ewlenija għas-sussidarja; fil-każ li appoġġ tal-grupp jista' jkun provdut minn riżorsi disponibbli f'sussidjarja, kuntratti*** |

| | |
|---|---|
| | ***infurzati legalment jew mekkaniżmi oħrajn għandhom ikunu fis-seħħ biex jippermettu t-trasferiment ta' fondi proprji eliġibbli;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 237 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-sostenn tal-grupp għandu jieħu l-forma ta' dikjarazzjoni lis-superviżur tal-grupp, ***mistqarra f'dokument li jkun jorbot legalment***, li jkun sar impenn biex jiġu ttrasferiti fondi proprji eliġibbli skond l-Artikolu 98(5). | 2. Is-sostenn tal-grupp għandu jieħu l-forma ta' dikjarazzjoni lill-***kulleġġ ta' superviżuri***, permezz tas-superviżur tal-grupp ***inkluż fejn meħtieġ evidenza ta' strumenti infurzati legalment***, li jkun sar impenn biex jiġu ttrasferiti fondi proprji eliġibbli skond l-Artikolu 98(5). |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-komunikazzjonijiet għal appoġġ ta' grupp jinkludu l-grupp kollu, għalhekk għandhom ikunu komunikati lill-kulleġġ. Tnaqqis fir-responsabilitajiet huwa mod ieħor li l-appoġġ tal-grupp jista' jkun eżerċitat.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 237 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) li d-dokument li fih id-dikjarazzjoni tas-sostenn tal-grupp jissodisfa r-rekwiżiti eżistenti skond ***il-liġi ta' l-impriża prinċipali biex ikun jista' jiġi rrikonoxxut bħala impenn legali***, u li kwalunkwe rikors quddiem korp legali jew amministrattiva ma jkollu ebda effett suspensiv. | (c) li d-dokument li fih id-dikjarazzjoni tas-sostenn tal-grupp ***u kull strument meħtieġ li jakkumpanja ieħor*** jissodisfa r-rekwiżiti eżistenti skond ***il-liġi infurzata fl-Istat Membru tal-kumpanija li tipprovdi appoġġ tal-grupp***, u li kwalunkwe rikors quddiem korp legali jew amministrattiva ma jkollu ebda effett suspensiv, ***u l-inklużjoni tat-twaqqif ta' appoġġ ta' grupp sal-limitu ta' l-aħħar dikjarazzjoni, jew kif provdut skond l-Artikolu 244(1) meta relevanti, u fi klassifikazzjoni ekwivalenti għal klejms tal-parti li*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandha sehem inkluż f'ċirkustanzi ta' organizzazzjoni mill-ġdid, kompożizzjoni, għoti ta' ħidma, 'take-over' jew kull proċediment amministrattiv ieħor***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-infurzar ta' appoġġ tal-grupp li jkopri dispożizzjonijiet interim addizzjonali fil-każ ta' inċertezzi legali (ara l-premessa 70) u t-twaqqif tal-klassifikazzjoni ta' appoġġ ta' grupp.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 244**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Is-sussidjarji ta' impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni: ***it-tnaqqis fis-sostenn mill-grupp*** | Is-sussidjarji ta' impriża ta' l-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni: ***trattament ugwali*** |
| 1. Fejn diversi talbiet għat-trasferiment ta' fondi proprji eliġibbli jiġi indirizzati lill-impriża prinċipali u lis-superviżur tal-grupp skond l-Artikoli 238 u 239, u l-grupp ma jkollux fondi proprji eliġibbli biżżejjed biex jissodisfa t-talbiet kollha flimkien, l-ammonti li jirriżultaw mill-aktar dikjarazzjonijiet riċenti aċċettati għandhom jitnaqqsu kull fejn ikun meħtieġ. | 1. Fejn diversi talbiet għat-trasferiment ta' fondi proprji eliġibbli jiġi indirizzati lill-impriża prinċipali u lis-superviżur tal-grupp skond l-Artikoli 238 u 239, u l-impriża prinċipali ma jkollhiex fondi proprji eliġibbli biżżejjed biex tissodisfa t-talbiet kollha flimkien, ***ir-regoli li jmiss għandhom japplikaw:*** |
| | ***(a)*** kull kumpanija ta' assigurazzjoni u rijassigurazzjoni li huma sussidjarji tal-kumpanija ewlenija għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt, flimkien mal-kumpanija ewlenija, sa l-ammonti li jirriżultaw mill-aktar dikjarazzjonijiet riċenti aċċettati ***fir-rigward ta' kull sussidjarja li hija suġġetta għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 236 sa 241;*** |
| It-tnaqqis għandu jinħadem għal kull sussidjarja bil-għan li jkun żgurat li kull sussidjarja hija suġġetta għall-istess proporzjon bejn it-total ta' l-attivi disponibbli tagħha u kwalunkwe trasferiment mill-grupp, fuq in-naħa l-waħda, u t-total tad-dispożizzjonijiet tekniċi tagħha u r-rekwiżit kapitali minimu | ***(b) l-ammonti stipulati fil-punt (a)*** għandhom jitnaqqsu kull fejn ikun meħtieġ. It-tnaqqis għandu jinħadem għal kull sussidjarja bil-għan li jkun żgurat li kull sussidjarja hija suġġetta għall-istess proporzjon bejn it-total ta' l-attivi disponibbli tagħha u kwalunkwe trasferiment mill-grupp, fuq in-naħa l- |

| | |
|---|---|
| fuq in-naħa l-oħra. | waħda, u t-total tad-dispożizzjonijiet tekniċi tagħha u r-rekwiżit kapitali minimu fuq in-naħa l-oħra. |
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti ta' l-assigurazzjoni ta' l-impriża prinċipali ma jiġux trattati b'mod aktar preferenzjali meta mqabbla ma' l-obbligazzjonijiet minn kuntratti ta' l-assigurazzjoni ta' kwalunkwe sussidjarja li tkun suġġetta għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 236 sa 241. | 2. ***Minkejja l-Artikolu 277,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti ta' l-assigurazzjoni ta' l-impriża prinċipali ma jiġux trattati b'mod aktar preferenzjali meta mqabbla ma' l-obbligazzjonijiet minn kuntratti ta' l-assigurazzjoni ta' kwalunkwe sussidjarja li tkun suġġetta għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 236 sa 241. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 251 – paragrafu 6 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta awtorità superviżorja tkun qiegħda bħala superviżur tal-grupp għandha tiġi rikonoxxuta li tkun qiegħda tagħmlu mingħajr diskriminazzjoni; għaldaqstant, proċeduri leġittimi meħuda bħala superviżur tal-grupp, li jinkludu imma mhux limitati għat-trasferiment ta' kapital, m'għandhomx jiġu meqjusa, fuq il-bażi tal-mandat nazzjonali tas-superviżur, kontra l-interessi ta' l-Istat Membru jew tat-titolari tal-poloz f'dak l-Istat Membru.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżur nazzjonali tal-pajjiż tagħhom bħala superviżur tal-Grupp għandu d-dover li jħares l-interess tal-group. Superviżuri nazzjonali m'għandhomx jinkwietaw li deċiżjonijiet meħuda fuq din il-bażi jagħtu lok għal proċeduri kontriehom mit-titolari tal-poloz mill-istat membru tal-pajjiż tagħhom li jemmnu li dan jista' jkun ta' detriment għalihom.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 262 – paragrafu 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Fil-każ li l-kumpanija holding jew kumpanija ewlenija ma tosservax il-bżonnijiet ta' l-appoġġ tal-grupp, is-superviżur jista' jiddeċidi li s-superviżjoni fuq bażi ta' grupp tieqaf.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sanżjoni li titlef il-vantaġġi kollha kapitali li tkun fi grupp fil-każ li ma tirrispettax l-obbligazzjonijiet ta' l-appoġġ tal-grupp.*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 304 – paragrafu 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Minkejja paragrafu 1 u billi l-proċedura tal-proċess ta' deċiżjoni provdut bl-Artikolu 251(4), u d-doveri stipulati fil-premessa 23, il-Kumitat tas-Sorveljaturi ta' l-Assigurazzjoni Ewropej u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol jingħataw personalità legali f'regolament li jidħol fis-seħħ fl-istess ħin ma' din id-Direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-CEIOPS qed tingħata poteri ta' teħid tad-deċiżjoni, pereżempju biex issolvi tilwim f'appoġġ ta' grupp. Fil-każ li hemm sfida legali għal xi deċiżjoni bħal din huwa mixtieq, u aktar responsabbli, jekk iċ-CEIOPS tkun parti minn kull proċedura milli tkun rappreżentata biss fil-personalità tal-Kummissjoni. L-ECJ ħareġ sentenza li fil-Każ C-217/04 tat-2 ta' Mejju 2003 li l-Artikolu 95 jista' jkun bażi għat-twaqqif ta' korp. B'estensjoni konklużjoni simili tista' titwettaq għall-Artikolu 47.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Assigurazzjoni u rijassigurazzjoni - Solvenza II |
| **Referenzi** | COM(2008)0119 – C6-0231/2007 – COM(2007)0361 – 2007/0143(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ECON |
| **Opinjoni mressqa minn**<br>Data ta' tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>24.9.2007 |
| **Rapporteur ta' l-opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>19.11.2007 |
| **Analiżi fil-kumitat** | 19.12.2007 8.4.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 25.6.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlo Casini, Titus Corlăţean, Marek Aleksander Czarnecki, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Neena Gill, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina |
| **Sostitut/i preżenti għall-votazzjoni finali** | Sharon Bowles, Georgios Papastamkos, Michel Rocard, Gabriele Stauner, József Szájer |